MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2009

Numru 617/2009

PULIZIJA
SPETTUR MARIO HABER
VS
VINCENT ABA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Vincent Aba, nazzjonalita' '*Central African Republic',* imwieled Bangui, fil-25 ta' Dicembru 1981, iben Zokingo Paul u Yasson Antoinette u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 08HT90132.

Illi huwa akkuzat talli fis-27 ta' Gunju 2009 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer meta kellek f'idejk passaport u permess ta' soggorn, mahruga minn awtorita' kompetenti, cioe passaporti tas-'*Central African Republic'* fl-isem ta' Didier Soto bin-numru 00HT63185, u karta tar-residenza Franciza fl-istess isem bin-numru F690027751, ittrassferixxa dawn id-dokumenti lil persuni ohra jew

ircieva dokumenti li gew ittrasferiti lilu minn persuna/i ohra, bi ksur ta’ l-Artikolu 6 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi huwa akkuzat ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn passaport u permess ta’ soggorn mahrug lil persuna ohra bi ksur ta’ l-Artikolu 4 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni wara li l-Qorti tat lill-imputat, zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni, l-Qorti ssib lill-imputat, Vincent Aba, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 4, 6 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn.

Din il-piena qed tinghata in vista ta’ l-eta’ giovanili ta’ l-imputat u l-ammissjoni bikrija tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------